MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2006

Talba Numru. 2278/2004

**Citadel Insurance plc (C113), kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Micallef (ID 454066M), sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Joseph Micallef**

**Vs**

**Baldacchino Marco**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Novembru 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm301.79 (tlett mija u Lira Maltija u disgha u sebghin centezmu) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident stradali li sehh nhar l-14 ta' Awissu 2003 gewwa l-Marsa.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Is-somma premessa, jew somma ohra verjuri, li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jakkorda, jekk hemm bzonn permezz ta' perit jew periti nominanadi, tirraprezenta danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tal-14 ta' Awissu, 2003 fi Triq l-Industrijali c/w Triq Garibaldi, Marsa, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EGY 023 misjuqa minn John Zammit u propjeta` tal-attur Joseph Micallef, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAJ 781 misjuqa mill-konvenut, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti l-istess konvenut.

Il-konvenut, ghalkemm interpellat, anke permezz ta' ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru, 2003, baqa` inadempjenti .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Dicembru, 2003 ipprezenta kontra l-konvenut, u l-ittra ufficjali pprezenta kontestwalment kontra s-socjeta` assikurattrici tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. L-incident tat-traffiku in kwistjoni gara unikamnet bi htija ta' John Zammit, xufier tal-vettura tal-attur Joseph Micallef.
2. Ghalhekk fejn jirrigwarda l-eccipjent ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u **bla pregudizzju ghall-premess,** l-atturi ghandhom igibu l-prova tad-danni skond il-ligi.
3. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-eccipjent ghall-hlas ta' danni favur l-atturi.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi.
5. Bl-ispejjes kontra l-atturi.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kollizjoni odjerna tirrigwarda habta li saret hdejn it-traffic lights hdejn ic-cimiterju ta’ Santa Maria Addolorata. Il-vettura attrici kienet hierga mid-direzzjoni tal-Marsa biex tmur lejn Triq Garibaldi li tibqa sejra ghall-airport, filwaqt li l-vettura konvenuta giet min-nizla ta’ Santa Lucia biex tmur fid-direzzjoni tal-Marsa.

Is-sekwenza tat-traffic lights hija s-segwenti:-

L-ewwel jghaddu l-vetturi li jigu min-naha tas-Ship Building biex imorru lejn il-Marsa u lejn Hal-Luqa, imbaghad il-vetturi li jkunu gejjin min-naha tal-Marsa biex jitilaw fid-direzzjoni ta’ Santa Lucia, imbaghad l-vetturi li jinzlu min Santa Lucia lejn il-Marsa jew Hal Luqa, imbaghad il-vetturi li jigu mill-Marsa li jigu jew biex imorru lejn is-Super One jew imorru fid-direzzjoni ta’ l-Airport.

Il-habta saret qisu hdejn il-maqrut li jiddividi d-direzzjoni li tmur mill-Marsa ghall-Airport jew ghas-Super One. Ex admissis sia a tempo vergine li l-Pulizija nvestigattiv u sia waqt il-Qorti, l-konvenut stqarr illi huwa hareg minn fuq il-lights ta’ hdejn ic-cimiterju, mid-direzzjoni ta’ Santa Lucia hekk kif minn ahdar qaleb ghal orange. Dan ifisser illi kien baqa` ftit biex dana jaqleb ghal ahmar u di fatti xehed illi quddiemu ma kienx hemm vetturi izda dawn li kienu lahqu hargu kienu xi 20 metru quddiemu. Kif hemm jaqleb ahmar jixghel l-ahdar biex johorgu min hdejn id-direzzjoni tal-Marsa lejn l-Airport ossia min fejn kien gej il-vettura attrici. Ta’ min jinnota illi s-sinjal orange li jaghti pre-avviz lix-xufier illi l-kulur ikun ser jaqleb. Jew mill-ahmar ghal ahdar biex johrog, jew mill-ahdar ghall-ahmar biex persuna tieqaf. Minn fejn hareg il-konvenut sa fejn gie biex johrog l-attur hemm distanza konsiderevoli u vettura ma tilhaqx tohrog mill-orange jew ahmar biex tilhaq taqbez il-vettura li tkun trid tohrog mill-Marsa lejn Airport jew biex tmur lura lejn il-Marsa.

F’dawn ic-cirkostanzi l-konvenut messu kien jaf illi ma kienx ser ikollu spazju jew hin bizzejjed biex jaghmel id-distanza, aktar u aktar meta kien qed isuq vettura tal-marka Morris ta’ certu eta matura illi zgur ma ghandhiex potenzjal ta’ accelerazzjoni. Huwa ha r-riskju u ghal dan

ir-riskju huwa ghandhu jassumi r-responsabbilta minn naha tieghu ma giex kontestat ghal vettura attrici li x-xufier taghha ma harigx fuq l-ahdar. Ma jistax ikun illi z-zewg vetturi hargu fuq l-ahdar. Bilfors illi biex hargu t-tnejn, wiehed kien fuq l-ahdar u wiehed kien fuq l-ahmar u dan irrizulta li l-ahmar kien fuq in-naha tal-vettura konvenuta illi gia kien qaleb fuq l-orange u kien jonqsu ftit biex jaqleb fuq l-ahmar. Messu ha ftit tal-pacenzja u qaghad jistenna fuq it-traffic lights sakemm minn ahmar kien jaqilbu ghal ahdar.

It-Tribunal ma josserva xejn fl-agir tal-vettura attrici li seta jkun responsabbli jew ikkontribwixxa ghal-istess incident. Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat u allura qed jigi akkordat.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi filwaqt li jikkundanna lill-konvenut unikament responsabbli ghal kollizjoni de quo, jilqa t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjoni tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett mija u lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm301.79), bl-ispejjes u nteressi kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------